**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 56/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Kylie Borg)**
**vs**
**Kersten Catania**

**Illum 10 t'April, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Kersten Catania, ta' 25 sena, iben Demitrius u Grace xebba Cini, imwieled nhar l-14 t'Awwissu 1991, residenti gewwa Carmen, Flat 2, Triq is-Serkin, Marsa u detentur tal-karta tal-identita' numru 422191M.

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Jannar, 2017, ghall-habta tas-18.35 ta' fil-ghaxija, gewwa l-Browns Pharmacy, Triq il-Vitorja, f'Hal-Qormi:

1. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin, ghad-dannu ta' Josepha Micallef u/jew persuni ohra;

2. Volontarjament ikkommetta griehi ta' natura hafifa maghmula b'arma regolari inkella bi strument li jaqta' u li jniggez, fuq il-persuna ta' Josepha Micallef skond kif iccertifika t-Tabib Karl Causon mill-klinika tal-Furjana;

3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

4. F'dawn il-gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

U akkuzat ukoll talli nhar il-15 ta' Jannar, 2017, ghall-habta ta' l-16.40 ta' wara nofs inhar, gewwa St. Philip's Confectionery, fi Triq Guze' Muscat f'Hal-Qormi;

5. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-valur ghad-dannu ta' Darren Galea u/jew persuni ohra;

6. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Shania Zammit kontra l-volonta' taghha;

7. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

8. F'dawn il-gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

U akkuzat ukoll talli nhar id-29 ta' Jannar, 2017, ghall-habta ta' 21.30 ta' fil-ghaxija, gewwa St. Philip's Confectionery, fi Triq Guze' Muscat f'Hal Qormi;

9. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Darren Galea u/jew persuni ohra;

10. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Leanne Farrugia kontra l-volonta' taghha;

11. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

12. F'dawn il-gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjoni, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l-istess Att;

U akkuzat ukoll talli nhar il-21 ta' Jannar, 2017, ghall-habta tat-03.20 ta' fil-ghodu, gewwa Chukkas Malta Polo Club fil-Marsa;

13. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Martin Arrigo u/jew kull persuna u/jew entita ohra;

U akkuzat ukoll talli f'xi hin bejn is-02.00 u s-06.00 ta' filghodu tat-28 ta' Jannar, 2017, gewwa Chukkas Malta Polo Club fil-Marsa;

14. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mez, u bil-hin ghad-dannu ta' Martin Arrigo u/jew kull persuna u/jew entita' ohra;

15. Ukoll talli wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' Probation mghoti mill-Qrati ta' Malta Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D. nhar it-28 ta' Ottubru, 2015 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mhassra, imnaqqsa jew mibdula.

16. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liig, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 31 ta' Jannar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat, certifikat mediku rilaxxjat lil Josepha Micallef, current incident report datat 28 ta' Jannar, 2017, current incident report datat 29 ta' Jannar, 2017, current incident report datat 15 ta' Jannar, 2017, current incident report datat 19 ta' Jannar, 2017, current incident report datat 21 ta' Jannar, 2017, CCTV footage markat bhala Dok MG1, stills immarkati bhala Dok MG2, CCTV footage markat bhala Dok MG3, stills immarkati bhala Dok MG4, rapport ta' Dr. Abigail Bugeja fejn ghamlet it-traskrizzjoni tal-istqarrija, markata bhala Dok AB1, CCTV footage markat bhala Dok SB1, stills markati bhala Dok SB2, ritratt immarkat bhala Dok SB3, CCTV footage mmarkat bhala Dok SB4, stills immarkati bhala Dok SB5, CCTV footage mmarkat bhala Dok SB6, sett ta' ritratti mmarkati bhala Dok SB7, ritratt immarkat bhala Dok SB9, ritratt immarkat bhala Dok SB11, ircevuta mmarkata bhala Dok SB12, sentenza datata 14 ta' Marzu, 2017 immarkata bhala Dok SB13 u l-process verbal immarkat bhala Dok NC1.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 31 ta' Jannar, 2017 biex din il-Qorti titratta din il-kawza bi procedura sommarja ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Leanne Farrugia, Melissa Galea,PC 1597 Alfred Chetcuti, PS 274 James Turner, CO 173 Ramon Theuma, Darren Galea, Dr. Abigail Bugeja, PS 362 Wayne Borg, Josefa Micallef, Spettur Saviour Baldacchino, PS 134 Roderick Sammut, Martin Arrigo, Marie Mifsud, Dr. Carl Causon, Maria Josefa Buhagiar u Nadia Ciappara.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni cara u inekwivoka ta' l-imputazzjonijiet kollha ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti ma kienitx ser tiehu konjizzjoni tal-hmistax (15)-il akkuza u ma hiex ser titratta mal-hati fuqha u dan peress li din l-akkuza diga' giet trattata quddiem Qorti ohra permezz ta' sentenza ezebita a fol 10 tal-process datata 14 ta' Marzu, 2017.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 221(2), 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b), 263(b), 267, 270, 274(c) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 5(1), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha ghajr ghal-hmistax (15)-il imputazzjoni, kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' hames snin (5) prigunerija effettiva, mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel bhala arrest preventiv.**

**Il-Qorti tordna li d-digriet taghha datat 30 ta' Marzu, 2017 ghandu jifforma parti intergrali minn din is-sentenza u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jaghmel programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga kemm idum residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**